Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 13 ta' Settembru 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita Jum Ħal Luqa u l-Monument tal-Gwerra
5. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti kienu approvatti, bħala proponent kien hemm il-Kunsillier Eric Camilleri u ssekondat mill-Kunsilliera Lucia Massa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana reġa semma li kien hemm bżonn isiru bil-lostru il-bibien ta' barra tal-uffiċċju.

2.2 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma tal-Girl Guides fuq l-użu tal-ufficcju. Huwa qal li dawn se jkunu qed jużaw l-ex Uffiċċju.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li xi tabelli li hawn fit-toroq jinbidlu billi huma faded. Huwa qal li se jikkordina mas-Segretarju fuq it-tabella u jara fejn hawn bżonn jinbidlu minnhom. Huwa qal ukoll li hemm bżonn isiru Slow fi Triq il-Karmnu quddiem Sant' Andrija u jasal sal-Ok Bar. Is-Sindku qal li hawnhekk diġà saru xi marki.

3.2 Is-Sindku semma li kienet sottomessa applikazzjoni għar restawr tal-istatwa tal-Kunċizzjoni.

3.3 Is-Sindku semma wkoll li kienet iddaħħlet applikazzjoni għall proġett tat-Twinning mal-lokalita Giardini di Naxos fuq l involviment taċ-ċittadini.

3.4 Is-Sindku tkellem dawr il-cleanup li kienet se ssir ġewwa Ħal Luqa. Huwa qal li konna ipproponejna it-tlett postijiet kif kienu issemmew fil-laqgħa ta' qabel imma dawn kienu se jsiru f' session oħra. Huwa qal li din id-darba kien se jsir parti maġenb il-parkeġġ tal-Airport l-Antik. Il-Viċi Sindku semmiet ukoll li ma dawn il-locations nistgħu nżidu l-area li hemm maġenb is-Civic Amenity Site. Is-Sindku semma li kienu avviċinawh tal-Iscouts ukoll fuq din il-cleanup day biex inaddfu iċ-Ċimiterju ta' Triq San Tumas. Huwa qal li iktar tal-fehma li jitnaddaf dak ta' Valletta Road.

3.5 Is-Sindku qara email mingħand Karl Anthony Borg fuq proposta biex isir bike rack viċin l-Ajruport fejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja kien qed jitlob permess minħabba li ż-żona taqa taħtna. Il-Kunsilliera ħadu gost b' din l-inizjattiva u talbu biex naraw aktar fid-dettal kif din l-inizjattiva tista tiġi estiża wkoll għall Ħal Luqa speċjalment fiċ-Ċentru.

3.7 Is-Sindku qara email dwar il-laqgħa plenarja. Huwa appella lill-Kunsilliera biex kemm jista jkun jattendu. Is-Sindku semma wkoll li kienet waslet email dwar il-laqgħa tas-Sindki.

3.8 Il-Kunsillier Caruana qal li fejn hemm il-pixxaturi tal-irġiel hemm il-pipijiet li hemm bżonn li dawn jinfetħu ukoll għall ġnub biex l-ilma jilħaq kullimkien.

3.9 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hemm bżonn inkellmu lil Transport Malta peress li d-dawl li kien hemm f' Dawret il-Gudja kien maqtugħ u kien hawn periklu kbir. Is-Sindku qal li kellna każ ukoll fuq Triq Ħal Qormi li irrapurtajnieh lil Ministru għax ma kinitx ittieħdet azzjoni.

## 4.0 ATTIVITA JUM ĦAL LUQA U L-MONUMENT TAL-GWERRA

4.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li fid-data li kienet proposta oriġinarjament għall inawgurazzjoni u s-serata mużikoletterarja kien hemm problema minħabba r-Rockestra peress li hawn anki jattendi l-Ministru. Huwa qal għalhekk li d-data irridu nbiddluha għall 14 t' Ottubru. Huwa qal ukoll li anki tal-Istilla ma setgħux jattendu għall attività peress li kienu se jmorru jdoqqu waqt festa.

4.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li s-serata se tibda b' Quddiesa fis-6.30 pm. Aktar il-quddiem se jibgħat programm dettaljat.

4.3 Is-Sindku semma nistgħux indaħħlu stalls b' affarijiet agrikoli. Il-Kunsillier Caruana semma li nistgħu nagħmlu appell biex minn għandu xi affarijiet collectibles minn Ħal Luqa speċjalment relatati mat-Tieni Gwerra. Is-Segretarju qal li fil każ itela post fuq Facebook biex minn ikun interessat javviċinana.

4.4 Il-Viċi Sindku semmiet li nistgħu nagħmlu t-Triq bix-xemgħa għall dakinhar.

4.5 Il-Kunsillier Camilleri qal li jekk dakinhar tagħmel ix-xita l-attivitajiet isiru ċ-Ċentru ta' Triq id-Dokkiena imma ma ssirx l-inawgurazzjoni tal-Monument.

## 5 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

## 6 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 13 ta' Settembru 2017 fis-6.20 pm. Kien hemm proposta l-ewwel ġimgħa t' Ottubru biex issir il-laqgħa.

Konfermati llum _______________________2017.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv